



Brussell, 5 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

7115/19

ENV 250  
FIN 199  
CLIMA 68  
PROCIV 18  
AGRI 120  
FORETS 10

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 6538/19

Suġġett: Rapport Speċjali Nru 25/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat  
"Direttiva dwar l-Għargħar: inkiseb progress fil-valutazzjoni tar-riskji, iżda  
jeħtieġ li jsir titjib fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni"  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali  
Nru 25/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Direttiva dwar l-Għargħar: inkiseb progress  
fil-valutazzjoni tar-riskji, iżda jeħtieġ li jsir titjib fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni", kif adottati  
mill-Kunsill fit-3676 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Marzu 2019.

**Rapport Speċjali Nru 25/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Direttiva dwar l-Għargħar: inkiseb progress fil-valutazzjoni tar-riskji, iżda jeħtieġ li jsir titjib fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni"**

**- Konklużjonijiet tal-Kunsill -**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar l-Immaniġġar Sostenibbli tal-Ilma<sup>1</sup> u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-Immaniġġar integrat tal-għargħar fl-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>;

FILWAQT LI JFAKKAR fl-istrumenti legiſlattivi prinċipali tal-UE dwar il-politika tal-ilma, b'mod partikolari d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>3</sup> u d-Direttiva dwar l-Għargħar<sup>4</sup>, din tal-aħħar timmira li tnaqqas u timmaniġġa r-riskji li joħloq l-għargħar għas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 25/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Direttiva dwar l-Għargħar: inkiseb progress fil-valutazzjoni tar-riskji, iżda jeħtieġ li jsir titjib fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni"<sup>5</sup>;
2. JIEĦU NOTA tal-Osservazzjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u JIRRIKONOXSIHOM bħala kontribut f'waqtu u importanti għall-Kontroll tal-Idoneità li għaddej tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Għargħar; JENFASIZZA, madankollu, li jenħtieġ li dan il-Kontroll tal-Idoneità jieħu inkonsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ġeografiċi kollha;

---

<sup>1</sup> 13342/16.

<sup>2</sup> 9241/11 + COR 1.

<sup>3</sup> Direttiva 2000/60/KE tat-23 ta' Ottubru 2000 (ĠU L 327, 22.12.2000, p.1).

<sup>4</sup> Direttiva 2007/60/KE tat-23 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

<sup>5</sup> Dan ir-Rapport Speċjali ġie bbażat fuq żjarat ta' verifika f'baċini magħżulin ta' xmajjar tad-disa' Stati Membri li ġejjin: l-Awstrija, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja u r-Rumanija.

3. JILQA' l-konklużjoni tar-Rapport li d-Direttiva dwar l-Għargħar tejbet il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri kif ukoll il-kooperazzjoni transfruntiera, u kellha rwol pożittiv fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar, kif ukoll fl-iżvilupp ta' attivitajiet biex titjieb is-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini dwar l-għargħar;
4. HUWA KONXJU li minkejja l-progress miksub fil-valutazzjoni tar-riskju tal-għargħar, għad hemm lok għal titjib fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Immaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar tal-Istati Membri (FRMP), b'mod partikolari, fit-twaqqif ta' objettivi, fl-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet finanzjarji u riżorsi korrispondenti, fir-rabta ta' proġetti mal-prijoritajiet stabbiliti tal-FRMP u fl-integrazzjoni aħjar tal-effetti tat-tibdil fil-klima;
5. JENFASIZZA l-importanza li l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar tkun ikkoordinata u JISSOTTOLINJA s-sejbiet tar-rapport li tali koordinazzjoni normalment tirriżulta f'sinerġiji; JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, kif xieraq, biex jiżguraw koerenza fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġislazzjoni rilevanti, b'mod partikolari billi jiżguraw li l-infrastruttura l-ġdida kontra l-għargħar, tkun konformi mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma;
6. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-benefiċċji tal-użu ta' infrastruttura ekoloġika biex jiġi evitat u/jew jitnaqqas ir-riskju ta' għargħar u JTENNI l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jużaw taħlita bbilanċjata ta' infrastruttura ekoloġika u griża meta jimplimentaw l-obiettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma<sup>6</sup>, filwaqt li JIRRIKONOXXI l-ġeografija, l-ambjent u l-kundizzjonijiet klimatiċi differenti tal-Istati Membri;
7. JIRRIKONOXXI li l-għargħar gravi sar aktar frekwenti fl-Ewropa u li t-tibdil fil-klima huwa fattur aggravanti li qed jikkawża bidliet fix-xejriet tal-preċipitazzjoni u tat-temp u fil-livelli tal-baħar, JENFASIZZA li hemm ħtieġa li jitjiebu l-għarfien u l-immudellar tal-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-sorsi kollha ta' għargħar, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħdem flimkien mal-Istati Membri biex issaħħaħ u/jew tiżviluppa għodod adegwati li janalizzaw u jfassru aħjar dawn l-impatti;

---

<sup>6</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar l-Immaniġġar Sostenibbli tal-Ilma, paragrafu 6 (13342/16).

8. FILWAQT LI JQIS l-impatt tal-għargħar fl-Ewropa li qiegħed potenzjalment jiżdied, JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-rapport dwar il-kopertura tal-assigurazzjoni għal kontra l-għargħar u, FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol pożittiv li jista' jkollha l-assigurazzjoni biex tissaħħaħ l-azzjoni preventiva u jitjeb l-irkupru ekonomiku wara diżastru, JAPPELLA lill-Istati Membri biex jissensibilizzaw lill-pubbliku dwar il-benefiċċji tal-assigurazzjoni għal kontra l-għargħar u biex jesploraw miżuri kooperattivi bejn is-setturi pubbliċi u privati biex tiżdied il-kopertura;
9. JENFASIZZA l-importanza li jintużaw ukoll l-użu tal-art u l-ġestjoni tat-territorju bħala għodda għal miżuri ta' prevenzjoni fil-qafas tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar, partikolarment għal żoni ta' riskju ta' għargħar potenzjalment sinifikanti;
10. JISTENNA B'INTERESS li jirċievi r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttiva dwar l-Għargħar kif ukoll diskussjonijiet ulterjuri fost l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra f'dan il-kuntest.

=====